**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 15 ta' April 2024

Każ Numru: 466/2010

**IL-PULIZIJA**
(Supretendent Yvonne Farrugia)
**vs**
**Stephen Debono**
(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 47373(M))

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, Stephen Debono ta' 37 sena, iben il-mejjet George u Agnes nee' Mifsud, imwieled Attard, nhar il-11 ta' Jannar 1973, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 47373(M) u residenti 37, Earendil, Triq il-Bjad, Naxxar, akkużat:

1. talli matul is-sena 2007 u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, approprjajt ruħek, billi dawwart bi profitt għalik jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddiehor, li tinkludi dokumenti u informazzjoni kunfidenzjali appartinenti lil Technoline Limited, liema dokumenti u informazzjoni ġew fdati lilek minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħek jew minħabba depożitu neċessarju u dan għad-detriment ta' Technoline Limited, ta' 51, Edgar Bernard Street, Gżira u liema

dokumenti u informazzjoni ġew fdati jew ikkunsinnati lilek taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat;

2. talli fl-istess dati, f'xi post f'dawn il-Gżejjer, bħala impjegat ta' Technoline Limited bi preġudizzju ta' terzi, fejn il-pożizzjoni tiegħek ta' impjegat għamlitha faċli għalik, li mingħajr awtorizzazzjoni;

   i. użajt computer jew tagħmir jew apparat ieħor biex dħalt f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-computer jew f'xi computer ieħor, jew użajt jew ikkuppjajt jew immodifikajt kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dawk;
   ii. għamilt output ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ mill-computer li kienu qegħdin jinżammu fih, sew billi dawn jittelgħu bi xbieha jew b'kull mod ieħor li jkun;
   iii. ikkuppjajt kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ għal kull medjum ta' ħżin li ma jkunx dak li s-soltu jinżamm fih jew għal mkien differenti fil-medjum ta' ħżin fejn is-soltu jinżamm,
   iv. għarraqt it-tħaddim ta' xi sistema, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew għamilt użu minnhom;
   v. neħħejt, ikkanċellajt qridt jew varjajt xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ;
   vi. kxift xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ kemm il-darba dan ma kienx meħtieġ fil-qadi ta' dmirijietek jew b'xi liġi oħra.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna wkoll l-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti.

Filwaqt li l-Pulizija Eżekuttiva esebiet l-Att ta' Twelid kif ukoll il-fedina penali tal-imputat, talbet li dan il-każ jiġi nvestigat skond il-liġi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali taħt:

- L-artikoli 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikoli 337C (1)(a), (b), (c), (d),(e), (f), (g), (j), (2), (3), (4) u 337F tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikoli 17 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi waqt is-seduta tal-14 ta' Jannar 2013 inqraw l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali;

Rat li f'dik l-istess seduta, l-imputat iddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bi proċedura sommarja;

Rat illi f'dik l-istess seduta tal-14 ta' Jannar 2013, l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara illi ma għandux aktar provi xi jressaq;

Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2017, l-imputat iddikjara illi ma għandux aktar provi xi jressaq;

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri permezz ta' liema proċedura ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta;

Rat ukoll l-eżenżjoni tal-partijiet mis-smiegħ mill-ġdid tal-provi;

Rat ix-xhieda;

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat;

Rat it-trattazzjoni Finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Ispettur Yvonne Farrugia** xehdet li f'Mejju 2008 il-pulizija rċeviet rapport mingħand Simon Cusens, wieħed mid-Diretturi tal-Kumpanija Technoline Limited fejn allega li wara li l-imputat Stephen Debono tefa' ir-riżenja tiegħu fl-1 ta' Novembru 2007 kienu ndunaw li kien sar serq ta' dokumenti, informazzjoni u klijenti li kienu jippartjeni lil Technoline Limited. Fl-istess jum kienu irriżenjaw ukoll Alan Mizzi u Frank Galea.

   L-imputat kien ilu jaħdem mal-kumpanija sa minn Lulju tal-1994 u fis-sena 1999 ġie promoss għal Manager. Xogħlu kien jinkludi promozzjoni ta' bejgħ ta' prodotti kif ukoll ta' servizzi li kienet toffri il-kumpanija fil-qasam tal-farmaċewtika.

   Meta irriżenja, l-imputat informa lil Cusens li huwa kien se jibda xogħol ieħor u li kien se jkun qiegħed jikkompeti direttament mal-kumpanija.

   Il-kumpanija ddeċidiet li tinforma lil klijenti tagħha bir-riżenja tal-imputat u taż-żewġ impjegati l-oħra u sabu li kien hemm xi klijenti li kienu diġà jafu b'dawn ir-riżenji.

   Kienu saru jafu wkoll li kien l-imputat li kkuntattja lil dawn il-klijenti u nformahom li hu issa kien Managing Director ta' Kumpanija ġdida bl-isem Labo-pharm u kien qed jirrappreżenta ċertu portfolios li kienu ta' Technoline.

   Għalhekk bdew jissuspettaw li meta l-imputat kien għadu jaħdem ma Technoline, huwa kien qed juża dak li kien fdat lilu bħala impjegat għal użu personali tiegħu u għal kumpanija l-ġdida Logopharm.

Mizzi u Galea li kienu l-aqwa żewġ technicians tal-kumpanija irriżenjaw sabiex imorru jaħdmu ma Labo-pharm.

Mart l-imputat kellha żewġ kumpaniji li kienu qed jagħmlu l-istess linja ta' xogħol ta' Technoline.

Technoline allegaw li wara r-riżenja tal-imputat ħafna files prinċipali ta' klijenti, pricelist u manual ma nstabux. Debono kellu aċċess dirett għas-sistema kompjuterizzata tal-kumpanija li ħafna minnha wkoll kienet intilfet.

Fis-27 ta' Novembru 2008, saret tfittxija kemm ġewwa il-bini ta' Labo-pharm u anke ġewwa r-residenza tal-imputat. It-tfittxija saret fil-preżenza tal-imputat wara li ġie arrestat.

Kienu inġabru diversi files, ġew ikkonfiskati tlett laptops u anke computer. Waqt l-interrogazzjoni l-imputat kien innega kull allegazzjoni li kienet saret fil-konfront tiegħu. L-imputat sostna li l-Labo-pharm hija tiegħu u ta' Kenneth Dimech u li l-price list u d-dettalji l-oħra li allegatament seraq ma kellux għalfejn jisraqhom għax issibhom faċilment u huma aċċessibbli għal kulħadd mill-internet.

L-imputat waqt l-interrogazzjoni sostna li l-Labo-pharm għandha kuntratt esklussiv biex jaħdmu bl-Agilent u li kienu awtorizzati u trenjati biex jaħdmu fuq dawn il-magni. It-technicians tiegħu kienu jaħdmu bl-Agilent u Pharmatess. Alan Mizzi kien trenjat fl-2008 fuq Pharmatess u għalhekk wieħed seta' jsib software ta' pharmatess fil-laptop tiegħu.

Ix-xhud interrogat ukoll lil Alan Mizzi, fejn huwa sostna li meta kien ma Technoline huwa ġie trenjat fosthom fuq Shimatzu, Satoris u oħrajn u li minn mindu beda jaħdem ma Labo-pharm huwa kien qed jaħdem bl-istess software li kien juża ma Technoline u dan għaliex l-Agilent kienu xtraw is-software bl-isem ta' EZ chrome u kienu awtorizzati li jużawh. Alan Mizzi nnega li kien qatt ħa fil-pussess tiegħu informazzjoni ta' Technoline u meta saret tfittxija kienet irriżultat fin-negattiv.

Ix-xhud interrogat ukoll lil Frankie Galea fejn ċaħad kull allegazzjoni ta' serq u mingħandu dakinhar kien ġie kkonfiskat computer.

Ix-xhud kienet eżaminat id-dokumenti u l-files li kienet elevat mingħand l-imputat u nnutat li diversi dokumenti kienu jappartjeni lil Technoline Limited. Fost l-oħrajn kien hemm konverżazzjoni b'email bejn il-mara ta' Stephen Debono f'isem Labo-pharm u ċertu Stefan f'isem LMS li kien klijent ta' Technoline u kien hemm email oħra ma Gilson SAS li wkoll kienu klijenti ta' Technoline. Ġo kompjuter minnhom instab ukoll file partikolari bl-isem Technoline Gilson Ordering plan 2002-2006 li kien ġie kkrejat fl-14 ta' Diċembru 2006 u ċioe għaxar xhur u nofs qabel ma Stephen irriżenja minn Technoline.

Ix-xhud interrogat ukoll lil Chris Calleja fejn sostna li huwa kellu diversi kumpaniji fosthom il-Kumpanija Calpac Traders. L-operat tagħha kien prinċiparjament il-business li kellu ma Technoline fuq xiri ta' makkinarju ta' Laboratorju mediku. Bi ftehim ma Simon Cusens stess, dan in-negozju kien isir mal-impjegat ta' Technoline, l-imputat Stephen Debono. Ikkonferma li huwa kien juża s-servizz ta' technicians ta' Technoline sabiex jinstallaw dawn il-magni u jsir il-maintenance fuqhom. Kien informaha wkoll il-50% tas-shares tal-kumpanija Labo-pharm kienu tiegħu.

Fl-1 ta' Diċembru 2008, x-xhud reġgħet interrogat lill-imputat fejn ġie kkonfrontat rigward l-analiżi li kienet saret fuq il-kompjuters u kif ukoll fuq d-dokumenti li kienu nstabu fil-pussess tiegħu.

L-imputat ikkonferma li waqt li kien għadu impjegat ma Technoline huwa kien għamel xi negozju ma LMS u dan f'isem Labo-pharm. Huwa għamel hekk għaliex il-business li kien hemm ma' LMS kien qed jintilef għax Cusens ma kienx qed jaċċetta credit terms u ried biss ħlas bil-quddiem. Dan in-negozju kien isir mil-mara tal-imputat u finalment ħa over hu meta irriżenja minn Technoline.

Meta ġie ffaċjat b'xi dokumenti oħra ta' Technoline li kienu nstabu fil-kompjuter tiegħu, l-imputat sostna li meta kien għadu jaħdem ma Technoline huwa kien jieħu xi xogħol biex jaħdmu d-dar u għalhekk dawn instabu fil-pussess tiegħu. L-imputat sostna wkoll li huwa kien ipprintja email privata b'informazzjoni kunfidenzjali li kienet intbagħtet

minn Shimatzu lil klijenti kollha tagħhom u allura bħala impjegat ta' Technoline huwa kien irċieva din l-email. Huwa żamm din l-email mingħajr il-permezz ta' Cusens, huwa kien uriha lil Mark Galea li huwa impjegat ta' Medichem.

Ix-xhud ippreżentat żewġ stqarrijiet tal-imputat, lista ta' dokumenti, files u klijenti, kaxxa b'dokumenti, files u karti u anke irċevuti maħruġin lil imputat, lil Frank Galea u lil Alan Mizzi mill-pulizija tal-affarijiet miġbura u meħuda mill-pulizija.

In kontro-eżami ix-xhud sostniet li hija għandha l-prova li l-computers huma ta' Stephen Debono għaliex instabu fl-uffiċju tiegħu u kien hu li ffirma għal computers. Ix-xhud sostniet li hija taf li fl-uffiċċju l-imputat ma jaħdimx waħdu.

Ix-xhud sostniet li il-kumpanija Labo-pharm hija tal-imputat u ta' Chris Calleja pero l-operat qiegħed f'idejn l-imputat Stephen Debono.

Ix-xhud ikkonfermat li kien il-format tal-invoices li nsteraq u mhux il-kontenut tal-invoices.

Ix-xhud ikkonfermat li jekk tkun taf tuża l-excel tista tagħmel dak il-template.

Ix-xhud ikkonfermat li Technoline hija l-Aġent ta' Schimadsu iżda sostniet li hija ma tafx li Schimadsu u Agilent huma kompetituri diretti fis-suq.

Ix-xhud sostniet li hija ma staqsitx jekk il-premises tat-Technoline kienux mgħammra b'CCTV.

Ix-xhud sostniet li fit-tieni rapport li kien sar mis-Cyber Crime, kienu nstabu xi dokumenti fuq il-computers li huma ta' relevanza għal dak li qalilhom Simon Cusens u kien għalhekk li żammew dawn il-kompjuters.

Ix-xhud sostniet li hija ma ratx kull dokument, iżda ippreżentat kollox kif inhu lil Qorti.

Ix-xhud sostniet li hija ma tafx jekk il-price list allegatament misruq kinitx il-price list li Technoline bdiet tbiegħ lil Gilson jew price list li biha Technoline kienet tixtri mingħand Gilson.

Ix-xhud sostniet li hija kienet rat id-dokumenti li ġew elevati fiżikament.

2. **PC 1490 Joseph Muscat** ikkonferma li r-rapport immarkat bħala DOK JM1 kien sar minnu.

   In kontro-eżami x-xhud sostna li huwa kien eżamina l-equipment. L-equipment kien jikkonsisti f'erbgħa laptops u desktop.

   Ix-xhud sostna li t-timeline fil-hard disc tista tkun imbagħbsa b'tali mod u manjiera li l-attivita/data tkun saret f'data differenti minn dik li verament tkun saret.

   Ix-xhud ikkonferma li huwa la ngħata usb's u lanqas cd's. Ix-xhud sostna wkoll li huwa mpossibbli li jasal għal konklużjoni jekk kienx hemm xi copying jew paste ta' dawk id-dokumenti.

   Ix-xhud sostna li huwa qatt ma mar fil-premises tal-kumpanija tal-parte civile.

   Sussegwentament ix-xhud ippreżenta ir-rapport tiegħu anke l-clone tal-kompjuter immarkat PC4.

3. **Simon Cusens** xehed li huwa Managing Director tal-Kumpanija Technoline Limited.

   Sostna li l-imputat kien ġie impjegat mal-Kumpanija fit-18 ta' Lulju 1994 u fis-sena 1999 ingħata promozzjoni u sar sales manager tas-section illi hu kien impjegat fiha u konsegwntament kellu r-responsabilta' tas-sezzjoni kollha.

   Fl-1 ta' Novembru 2007 kien irċieva telefonata mingħand Ivan Vassallo li huwa s-sales and marketing manager fejn infurmah li f'ħames minuti irriżenjaw Alan Mizzi, Frank Galea u l-imputat Stephen Debono.

Dakinhar stess l-imputat Stephen Bonello beda jibgħat ċirkolari lil diversi klijenti ta' Technoline u beda jippreżenta ruħu f'isem kumpanija oħra.

Dwar l-użu ħażin jew inapropjat tal-computer u data, x-xhud sostna li kien hemm żmien fejn il-kumpanija irċeviet ilmenti pjuttost iebsa minn Medichem u Combino minħabba xi problema bis-software. Il-Kumpanija kienet ippruvat tillimita l-exposure ta' din il-problema, iżda l-kumpanija kien irriżutalha li Mark Galea rappreżentant ta' Medichem kien ġie a konoxxenza ta' email li kienet intbagħtet lil Stephen Debono rigward din il-problema.

Ix-xhud kien għadda lil IT Manager computer li kien juża l-imputat u l-IT Manager sab li hemm nuqqas ta' ħafna files li suppost kellhom ikunu fil-computer. Ma setgħu isibu l-ebda files fis-sistema tagħhom tal-kumpaniji Gilson u LMS, żewġ kumpaniji klijenti ta' Technoline li kien jieħu ħsiebhom l-imputat biss.

Muri diversi dokumenti, ix-xhud sostna li li l-imputat kien qed juża software tal-kumpanija tiegħu u metodi ta' workings użati mill-kumpanija sabiex jagħmel negozju u xogħol privat li għalih kienet qed tiffirma mart l-imputat.

Ix-xhud ippreżenta diversi dokumenti b'informazzjoni li kienet ġiet iddilitjata mis-sistema tagħhom u nstabet fuq ic-cd tal-pulizija, liema cd tikkonsisti f'informazzjoni misjuba fil-kompjuters ikkonfiskati mill-pulizija.

Ippreżenta wkoll arch lever file bl-isem Book 1 li ġie mmarkat bħala Dok SC1 u arch lever file bl-isem Book 2 li ġie mmarkat bħala Dok SC2. Dawn l-arch files jelenkaw propjeta misruqa bħal per eżempju templates eletroniċi u dokumenti intestati f'isem Technoline.

F'xhieda sussegwenti x-xhud sostna li f'book 1 pg 316 u 317 hemm worksheets b'għodda excel li kienu jintużaw minn Technoline li bdew jintużaw minn Labo-pharm tant li ġew elevati mill-pulizija.

Ix-xhud għamel referenza għal paġna 334 sa 349 li jikkonsisti f'dokument imprezzabbli li kien intilef u ma setax jinstab mill-kumpanija Technoline u nstab ukoll mill-Pulizija.

Ix-xhud għamel referenza għal book 1 paġna 350 sa 360 li jikkonsistu f'dokument importanti ta' Gilson li wkoll għeb mill-uffiċju ta' Technoline u ġie elevat mill-pulizija.

Ix-xhud jagħmel ukoll referenza għal dokument li kien fih contact information ta' kull prinċipal li kienet taħdem magħha t-Technoline, għamel referenza għad-dokument Gilson Company Confidential Price List, għamel referenza għal coverpage ta' offerta li kienet saret mit-Technoline lil Malta Centre for Restoration, għamel referenza għal dokument kunfidenzjali tat-Technoline li jikkonċerna transazzjonijiet li saru matul l-2003, għamel referenza għal diversi trasazzjonijiet oħra, għamel referenza għal diversi ordnijiet li saru min Gilson u għamel referenza għal diversi invioces li lkoll sparixxew mill-uffiċju tal-kumpanija Technoline u ġew elevati mill-pulizija.

In kontro-eżami sostna li l-klijenti li rċevew xi ċirkolari mingħand l-imputat kienu Actavis u Mark Galea. Kien hemm klijenti oħrajn li ma ftakarx isimhom.

Ix-xhud sostna li l-kontenut ta' dik l-ittra bażikament kien jikkonsisti billi l-klijenti ġew infurmati li l-Agilant ma kinitx ha tibqa taħdem ma Calpac u għalhekk dawn kellhom jikkuntatjaw lil Labo-pharm għax kienet din il-kumpanija li kienet se tibda taħdem ma Agilent. Fost l-oħrajn din l-ittra kienet iffirmata minn rappreżentant tal-Agilent.

Ix-xhud ikkonferma li Calpac ma hijiex tiegħu. Kien il-Calpac li kellha r-rappreżentanza tal-Agilent u mhux it-Technoline.

Ix-xhud sostna li Shimatzu u Agilent huma rivali internazzjonali u għalhekk minħabba li Technoline hija aġent ta' Shimatzu, Technoline qatt ma ppruvat u lanqas ma għamlet kuntatt ma Agilent.

Ix-xhud sostna li kienu l-kollegi tal-imputat fosthom Pierre Micallef , Johann Mifsud u Elizabeth Seguna li infurmawh x'kien hemm fil-public folders. Kien ġie infurmat minn Pierre Micallef li d-data ta' ħames snin ta' tenders ġew deleted, għosfru.

Ix-xhud sostna li huwa ma jistax jikkonferma li kien l-imputat li ħassar id-data mis-servers u mil-komputers. Pero l-laptop kien jużah l-imputat biss. Shared files ġew imħassra wkoll.

Ix-xhud ikkonferma li s-service training ta' l-Agilent kien isir via Calpac.

Ix-xhud ikkonferma li Technoline għadha taħdem ma Shimatzu pero kellhom riperkuzzjonijiet kbar wara dak li ġara ma Mark Galea minħabba l-email li suppost kellha tkun kunfidenzjali li iżda l-imputat għadda kopja lill-istess Mark Galea.

Ix-xhud ikkonferma li Gilson ma riedux ibiegħu lill-LMS. Ix-xhud sostna li LMS xorta waħda kienet tagħmel l-ordni ma Technoline, imbagħad it-Technoline kienet jgħaddu dan ix-xogħol lil Calpac biex Gilson jaħsbu li x-xogħol għadda għand Calpac u eventwalment Calpac kienet tgħaddi x-xogħol ordnat lill-LMS. Ta' dan Calpac kienu jieħdu commission.

Ix-xhud isostni li f'xi dokumenti huwa jargumenta li hemm xi handwriting ta' Debono għax Debono għamel ħmistax il-sena jaħdem magħhom u allura huwa jagħrafha.

Calpac kienet toħroġ l-invoice lil LMS pero il-purchase order, LMS kienet tibgħatha lil Technoline.

4. **Amanda Galea** xehdet u ippreżentat il-Memorandum and Articles ta' Technoline Limited u Labo-pharm Limited.

5. **PS 1146 Edward Zammit** xehed li huwa kien involut u kien personalment preżenti għat-tfitxija li hija saret fil-fond Ħal Warda Complex, Triq Ħal Warda, Attard fejn kienu ġew elevati xi computer equipments.

6. **John Caruana** xehed li huwa impjegat tal-kumpanija Technoline Limited u għandu l-kariga ta' Operation Manager fejn kien jimmaniġja lit-technicians.

Sostna li l-imputat kien jafu għax ħadem magħhom għal żmien twil u kien is-Service Manager tas-Scientific Division li kien inkarigat li jagħmel is-sales u jbiegħ l-apparat.

Ix-xhud sostna li l-kumpanija Agilent ma għadhiex taħt idejn il-kumpanija Technoline għaliex ħadha miegħu l-imputat u anke il-kumpanija Pharmatest u kumpaniji oħrajn irnexxilu jieħu. L-imputat spiċċa kompetitur tagħhom u saħansitra ħa jaħdmu miegħu żewġ technicians li kienu jaħdmu magħhom.

Muri dokument ix-xhud għaraf li dak huwa email mibgħut mill-kumpanija Shimatzu lil Technoline, liema email kienet kunfidenzjali u ma kellu jintbagħat lil ebda klijent. Muri diversi dokumenti, ix-xhud sostna li dawn jikkonsistu f'dokumenti li jappartjenu lil Technoline.

Ix-xhud sostna li fl-aħħar xhur li l-imputat ħadem magħhom kien sar diffiċli ħafna.

7. **WPS 249 Marouska Debattista** xehdet li hija kienet involuta u personalment preżenti kemm fit-tfitxija li kienet saret ġewwa premises jismu Labo-pharm u anke ġewwa r-residenza tal-imputat.

8. **Mark Galea** xehed li lil Simon Cusens jafu minn Technoline għaliex huma mpjegat ta' Medichem u Technoline joffrulhom is-servizzi ta' laboratory services.

   Ix-xhud sostna li huwa jaf lill-imputat għax kien jaħdem ma Technoline.

   Muri kopja ta' email mibgħut mill-kumpanija Schumadsu, ix-xhud sostna li l-imputat kien mar biha għandu hu personalment. F'dik l-email kien hemm indikat li s-software kien se jkun discontinued. Dak iż-żmien l-imputat kien għadu jaħdem ma Technoline.

   Mingħand il-kumpanija Technoline ma kien irċieva l-ebda korrispondenza rigward dan il-fatt.

9. **Frank Galea** xehed li huwa impjegat ma Labo-pharm fil-kariga ta' technician.

Qabel huwa kien jaħdem ma Technoline. Huwa telaq mill-impjieg tiegħu għaliex ma kienx għal qalbu u fil-fatt minn xi sebgħa technicians wieħed biss baqa' hemmhekk.

Fl-istess ġurnata kienu telqu wkoll Alan Mizzi u Stephen Debono. Il-ġurnata ta' meta kellhom jitilqu mill-impjieg kien għażilha l-imputat.

Ix-xhud sostna li biex daħal jaħdem ma Labo-pharm kien sarlu interview mill-imputat stess u kienet il-kumpanija Labo-pharm li ħalsitlu n-notice. Huwa ta n-notice fl-1 ta' Novembru u beda jaħdem mal-Labo-pharm fit-2 ta' Novembru. Ix-xhud sostna li x-xogħol li kien jagħmel mal-Labo-pharm kien differenti minn dak li kien jagħmel mat-Technoline.

Ix-xhud sostna li huwa minnu li mal-Labo-pharm kien qed jaħdem fuq l-istess tip ta magni li kien jaħdem fuqhom mat-Technoline pero d-ditti kienu differenti eżempju l-Metler Toledo.

Ix-xhud sostna li Technoline ġieli bagħtuh għal xi training courses u kien iżomm għandu xi supporting documentation li kien jingħata u dan bil-permezz ta' John Caruana.

Ix-xhud sostna li meta mar jaħdem ma Labo-pharm dawn id-dokumenti ħadhom miegħu. Sostna wkoll li eventwalment wara li kien telaq mit-Technoline huwa kien ħallas lit-Technoline l-ispejjeż tal-courses kollha li huwa kien għamel u għalhekk dawk id-dokumenti saru tiegħu.

In kontro-eżami ix-xhud sostna li meta kien ma Technoline huwa ħadem fuq diversi softwares fosthom Pentex, Santorius u Agilent. Fuq Shumatzu li kienet ditta ta' Technoline huwa ma kienx jaħdem.

Ix-xhud sostna li huwa kien imur it-training għand l-Agilent f'isem Calpac Traders. Kellu business cards ta' Calpac traders, kellu email address u kien jirrispondi għal Calpac Traders. Id-Diretturi ta' Technoline kienu konsapevoli ta' dan il-fatt.

Ix-xhud sostna li huwa impjegat ta' Labo-pharm Limited u ma għadux jaħdem ma Calpac Traders. Huwa ma Labo-pharm jaħdem fuq l-Agilent. Il-manuals tal-Agilent qegħdin għandu. L-Agilent stess tawh aċċess għalihom anke permezz tal-online.

Ix-xhud sostna li huwa telaq mit-Technoline għax kien iddejjaq jaħdem hemmhekk.

Ix-xhud sostna li fl-uffiċċju ta' Labo-pharm qatt ma sab xi dokument li huwa kien jarah Technoline. Ma Technoline dam jaħdem tlett snin u nofs.

Ix-xhud sostna li minn meta telaq minn ma Technoline huwa ġieli ltaqa ma impjegati tat-Technoline u qatt ma ġie nfurmat li ntqal xi diskors li kienu nsterqu jew ġew nieqsa xi files.

10. **Alan Mizzi** xehed li huwa jaħdem ma Labo-pharm fil-kariga ta' technical officer. Sostna li qabel huwa kien jaħdem mat-Technoline.

Huwa telaq minn mat-Technoline fl-1 ta' Novembru 2007 u beda jaħdem mal-Labo-pharm fit-2 ta' Novembru 2007.

Huwa baqa' jaħdem fuq l-istess linja iżda xogħol differenti eżempju huwa qatt ma kien ħadem fis-sales.

L-intenzjoni tal-Labo-pharm kienet li taħdem ma kull klijent possibli.

Ix-xhud kkonferma li Technoline ġieli bagħtitu għal korsijiet barra u kull supporting documentations u manual li huwa ingħata, inkluż iċ-ċertifikati li kienu jagħtuh talli attenda l-kors kien joħodhom l-uffiċju ta' Technoline.

In kontro-eżami x-xhud sostna li huwa kien dam impjegat ta' Technoline għal madwar tlett snin u nofs. Sonstna li huwa kien jaħdem fuq diversi ditti fosthom Schimadsu, DPC u Sartorius.

Huwa sostna li ġieli intbagħat għat-training barra minn Malta u kien imur f'isem Technoline u l-business cards li kien jieħu miegħu kienu tat-technoline.

Sostna li kemm dam mal-Agilent huwa qatt ma ħadem fuq l-Agilent u qatt ma mar għat-training fuq l-Agilent. Sosnta li huwa qatt ma kellu x'jaqsam ma Calpac Traders.

Ix-xhud bil-ġurament xehed li safejn jaf hu fil-premises tat-Technoline kien hemm installati CCTV.

Ix-xhud sostna li kemm ilu jaħdem ma Labo-pharm Limited huwa qatt ma ltaqa jew ra xi dokumenti li kienu jintużaw ġewwa Technoline.

Ix-xhud sostna li minn meta telaq minn ma Technoline huwa ġieli ltaqa ma impjegati tat-Technoline u ġieli qalulu li kien inqala xi diskors għax kien telqu iżda qatt ma ntqal xi diskors li kienu nsterqu jew ġew nieqsa xi files.

11. **Chris Calleja** xehed li huwa negozjant u għandu diversi kumpaniji fosthom Calpac Traders.

Il-kumpanija kienet l-aġent ta' Agilent fejn kienu jimpurtaw mingħandha magni u jbiegħhom fil-lokal.

Calpac Traders kienet timporta il-magni u kienu jqabbdu lit-technicians tat-Technoline sabiex jinstallaw il-magni u jagħmlulhom is-service.

Ix-xhud sostna li huwa ma kellu l-ebda fiduciary agreement ms Simon Cusens. Sosnta li mal-Agilent kien introduċih Simon Cusens. L-invoicing kien isir f'isem Calpac Traders.

Ix-xhud sostna li fid-dokument li qed jiġi muri, Fenelex Holdings kienet qed tidher għalih u għal imputat Stephen Debono. Dak id-dokument huwa datat 23 ta' Ottubru 2006.

Ix-xhud sostna li huwa kien jaf bl-eżistenza ta' dan id-dokument iżda mhux bid-dokument.

L-iskop ta' dak il-ftehim kien li tiġi ffurmata l-kumpanija Labo-pharm. Dak iż-żmien il-kumpanija kienet fi stat ta' dormant u damet fi stat dormant sakemm l-imputat telaq minn ma Technoline.

Ix-xhud sostna li l-kumpanija Labo-pharm ġiet iffurmata għal traders inġenerali pero inqalgħet opportunita għal supplies tal-laboratorju u ħaduha.

In kontro-eżami x-xhud sostna li Calpac Traders hija Trader Company fejn oriġinarjament l-aktar li kienet ibbażata fuq xogħol marittimu iżda kienu jaħdmu wkoll skond l-esiġenza tax-xogħol fejn fost l-oħrajn ġieli anke impurtaw il-make-up u affarijiet relatati mal-karozzi.

Ix-xhud sostna li Calpac Traders kienet tieħu d-ditti li ma setgħetx tieħu Technoline. L-Agilent kienet dejjem tiegħu. Minħabba is-Schimadsu, it-Technoline ma setgħet qatt iżżomm lill-Agilent fuq isimha. Ix-xhud ippreżenta il-kuntratt li kien iffirmat bejn Calpac Traders u l-Agitech.

Il-ftehim li kellu ma Technoline kienet li huma jipprovdulu t-technicians u ta' dan huwa kien iħallashom. Il-manuals kienu propjeta ta' Agilent u Calpac.

Ix-xhud sostna li huwa sar jaf li Technoline kellhom il-problemi mal-LMS għax kien informah Simon Cusens stess. Darba fost l-oħrajn ix-xhud irċieva email (esebita fl-atti) b'sett ta' regoli ġodda fuq il-pagamenti.

LMS għamluha ċara max-xhud li ma kienux qegħdin jaqblu ma dawn it-term payments il-ġodda u li kienu se jixtru mingħand ħaddieħor.

Maria Attard mart l-imputat kien jafha, għax xi snin qabel kienet avviċinatu fuq Tender tal-Waste Serve li kien jirrelata xi skips.

Meta kien se jifforma l-Labo-pharm, x-xhud kien kellem lil Maria Attard, li minn naħa tagħha kellmet lil żewġha. L-imputat kien għamililhom ċara li huwa ma setax jidħol fiha u jkun involut minħabba t-Technoline.

Meta ġiet iffurmata l-kumpanija, l-beneficial owners kienu x-xhud u Maria Attard. Is-shareholders tal-kumpanija kienu huma wkoll.

Meta bdew ibiegħu x-xogħol lil LMS, Stephen Debono ma kienx infurmat. Ix-xhud sostna li huwa kien jaf il-prezzijiet ta' Technoline għaliex it-technoline kienu jinvojsjaw lilu u hu kien jinvojsja lill-LMS. Allura bilfors kien ikun jaf il-prezzijiet tat-Technoline.

F'Novembru tal-2007 kien ċempillu l-imputat u nformah li huwa kien telaq mit-Technoline. Kien wara li telaq mit-Technoline li l-imputat beda jaħdem mal-Labo-pharm.

L-Agilent imxiet taħt il-Labo-pharm wara Novembru 2007.

Ix-xhud insista li fl-istatement rilaxxat lil pulizija huwa sostna li huwa ma huwiex involut fil-kumpanija ħlief fil-finanzjarjament tagħha għaliex l-istatement ittieħed fl-2009, meta dak iż-żmien l-imputat kien impjegat mal-kumpanija u kien beda jieħu ħsieb kollox l-imputat. Qabel ma l-imputat kien beda jaħdem mal-kumpanija, kien ix-xhud li kien involut fix-xogħol tan-negozju.

12. **Sergio Vella** xehed li huwa jaħdem bħala General Manager ma Labo-pharm u sat-3 ta' Frar 2012 huwa kien il-Managing Director ta' Actavis Limited.

Sostna li Actavis kellha xi magni tad-ditta Agilent u meta kienu ikun hemm bżonn xi equipment għal dawn il-parties, Actavic kienet tagħmel l-order ma Calpac filwaqt li Technoline kienu jagħmlu l-maintenance service ta' dawn il-magni.

Ix-xhud sostna li huwa ma jafx min kien jagħmel l-invoicing u ma jafx lanqas jekk kienx hemm xi agreement bejn Technoline u Calpac.

Ix-xhud sostna li lejn l-aħħar tas-sena 2007 kienu ġew infurmati li r-rappreżentanza tal-Agilent kienet marret fuq kumpanija oħra li hija l-Labo-pharm. Huma ġew infurmati kemm minn Agilent u anke minn Labo-pharm.

13. **PC 1305 Silvio Zammit** xehed li fis-27 ta' Novembru 2008 huwa wettaq u kien personalment preżenti għas-search li saret fil-premises ta' Labo-pharm fejn minn hemmhekk kienu ġew elevati diversi dokumenti, files u tlett laptops.

    Fl-istess ġurnata huwa wettaq u kien personalment preżenti għas-search li kienet saret fir-residenza tal-imputat fejn minn hemmhekk kienu ġew elevati xi dokumenti, files u computers.

    Ix-xhud għaraf ukoll il-firem tiegħu li jinsabu fl-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat.

14. **WPC 304 Lorna Mifsud** xehdet li fis-27 ta' Novembru 2008 hija wettqet u kienet personalment preżenti għas-search li saret fil-premises ta' Labo-pharm fejn minn hemmhekk kienu ġew elevati diversi dokumenti, files u tlett laptops.

    Fl-istess ġurnata hija wettqet u kienet personalment preżenti għas-search li kienet saret fir-residenza tal-imputat fejn minn hemmhekk kienu ġew elevati xi dokumenti, files u computers.

15. **Anthony Guillaumier** xehed li tnejn u tletin sena ilu huwa waqqaf il-kumpanija Technoline u eventwalment għamel xi arranġament ma Tom Cusens li huwa l-partner tiegħu.

    Sostna li Technoline hija *'one of the leading companies in medical and scientific equipment'*. Il-kumpanija ma tipproduċi xejn iżda jimpurtaw, jieħdu tenders tal-Gvern u servicing tal-equipment. Fil-mument Technoline timpjega erbgħin ruħ li kollha għandhom background mediku u huma kollha ttrenjati.

Sostna li l-imputat għamel ħmistax il-sena jaħdem mal-kumpanija Technoline u qabel ma telaq kien fil-grad ta' Manager fid-Dipartiment tas-Scientific Department. Ix-xogħol prinċipali tiegħu kien li javviċina l-klijenti.

L-imputat telaq ħabta u sabta mingħajr notice. Il-Kumpanija Labo-pharm kienet ġiet rreġistrata xi sena qabel. Flimkien mal-imputat telqu wkoll żewġ technician li kienu jaħdmu miegħu fl-istess dipartiment.

Mil-kumpanija meta telaq l-imputat, kienet ġiet nieqsa briefcase li fiha kien hemm diversi dokumenti sensittivi li nstabu fil-pussess tal-imputat.

In kontro-eżami x-xhud ikkonferma li kien hemm diversi impjegati li kellhom aċċess għal uffiċju tal-imputat. Ikkonferma wkoll li kulħadd kellu aċċess għas-servers.

Ix-xhud ikkonferma li huma ma kellhomx x'jaqsmu mal-Calpac Traders. Ikkonferma wkoll li l-imputat kellu l-permezz u kien awtorizzat minn Technoline sabiex jaħdem għal Calpac.

16. **Thomas Cusens** xehed li flimkien ma Tony Guillaumier, fl-1978 kien ifforma l-kumpanija Technoline li tiddilja fuq xogħol mediku u xjentifiku. Il-Kumpanija Technoline tissupplixxi lil sptarijiet u laboratorji.

Sostna li Simon Cusens huwa t-tifel tiegħu.

Lill-imputat huwa kien jafu għaliex kien ilu jaħdem mal-kumpanija għal aktar minn għaxar snin. L-imputat kien responsabbli għal portfolio tas-Scientific Sales. L-imputat kien imur għand il-klijenti hu.

Meta telaq l-imputat huwa ma kienx l-uffiċju. L-istaff tiegħu kienu ċemplulu u talbuh sabiex imur l-uffiċċju għaliex kien mar l-imputat, sabbat envelope fuq id-desk u nformahom li huwa daqshekk hemmhekk u li huma kkunsidrati bħala l-enemies tiegħu.

Dakinhar telqu żewġ technician oħra wkoll.

Mal-Kumpanija Agilent kien jiddilja l-imputat u meta telaq l-imputat l-kumpanija Agilent infurmathom li ma kinitx se tibqa taħdem magħhom.

In kontro-eżami x-xhud xehed li la hu u lanqas Technoline ma għandhom x'jaqsmu ma Calpac.

Ix-xhud ikkonferma illi rigward dan il-każ huwa qiegħed jistrieħ fuq dak li qallu Stephen Cusens u li l-fatti ma jafhomx personalment.

17. **Ivan Vassallo** xehed li huwa jaħdem mal-kumpanija Technoline fil-kariga ta' Manager fis-Sales and Mareting Department.

Ix-xhud sostna li fl-1 ta' Novembru 2007 l-imputat kien għaddilu l-ittra tar-riżenja. Sostna li l-imputat ma riedx jagħmel hand over u informah li dik kienet l-aħħar ġurnata tax-xogħol tiegħu. Dakinhar irriżenjaw żewġ impjegati oħra wkoll.

Klijent partikolari infurmahom li fl-1 ta' Novembru 2007, l-imputat kien iltaqa' miegħu, ippreżenta lilu nnifsu bħala General Manager ta' Labo-pharm u ppreżentalu ittra li tgħid li l-Agilent ħa tibda tieħu ħsiebha l-Labo-pharm. Kopja ta' din l-ittra ġiet preżentata mix-xhud.

In kontro-eżami x-xhud spjega li eventwalment in-notice money kienu ġew imħallsa. Ix-xhud sostna li l-klijent li tah l-ittra kien jew l-Actavis jew l-Arrow.

Sussegwentament ix-xhud reġa' ġie mitlub jixhed fejn sostna li l-ittra kienet ġiet mogħtija lilhom minn Actavis. Actavis kienu klijenti importanti u tajbin ħafna għal Technoline.

Ib kontro-eżami ix-xhud sostna li Agilent u Agitech ma kienux ditti ta' Technoline. Calpac Traders kienu id-distributuri f'Malta ta' dawn id-ditt u li l-istess Calpac ma hijiex kumpanija ta' Technoline.

18. **Pierre Micallef** xehed li huwa kien ilu jaħdem mat-Technoline sa mill-1997 u lill-imputat kien laħqu mill-ewwel jaħdem mal-kumpanija.

Ix-xhud sostna li huwa ma baqax jaħdem mal-kumpanija sa mill-2009.

Ix-xhud sostna li ir-riżenja tal-imputat ma kinitx mistennija u saret ħabta u sabta.

In kontro-eżami x-xhud sostna li meta l-imputat uża l-kelma enemies dik il-kelma saret fil-kuntest li se jkun kompetitur tal-kumpanija jiġifieri li kien se jkun enemy tagħhom fil-business u mhux enemy fuq xi livell personali.

19. **Johann Mifsud** xehed li fl-2007 huwa kien jaħdem ma Technoline fil-kariga ta' Sales Executive. Huwa dam dsatax il-sena jaħdem ma Technoline.

Ix-xhud sostna li milli jiftakar dakinhar li l-imputat ta' r-riżenja tiegħu huwa kien informahom li se jkun kompetitur tagħhom. Ix-xhud sostna li r-relazzjoni tiegħu ma Technoline għadha waħda tajba.

Ix-xhud sostna li huwa dejjem kellu relazzjoni tajba mal-imputat.

In kontro-eżami ix-xhud sostna li dakinhar li l-imputat ippreżenta r-riżenja tiegħu, huwa kien ħa b'idejn kulħadd.

Ix-xhud sostna li huwa kien telaq minn ma Technoline xi sena wara l-imputat u mar jaħdem ma kompetitur ta' Technoline u kienu jagħmlu l-istess xogħol.

20. **Gregory Gauci in rappreżentanza tal-HSBC** xehed li l-kont bin-numru 025-024936-050 jinsab f'isem Stephen Debono, Maria Attard, Michelle Calleja u Christopher Calleja.

21. **Romuald Attard in rappreżentanza tal-Bank of Valletta** xehed li l-account holder tal-kont bankarju bin-numru 182/0791402/0 hija Maria Assunta Attard.

22. **L-Istqarrija rilaxxata mill-imputat Stephen Debono fis-27 ta' Novembru 2008** fejn fiha huwa sostna li fiż-żmien li kien impjegat bħala Sales Manager fis-Scientific Division mat-Technoline huwa kien responsabbli għal bejgħ ta' prodotti lil klijenti direttament jew permezz ta' tender.

    Huwa sostna li meta telaq mit-Technoline huwa daħal fuq l-internet u sab l-informazzjoni kollha li kellu bżonn biex jagħmel il-kuntatti. Huwa ċaħad li seraq xi files, dokumenti u xi nformazzjoni oħra mill-uffiċini tat-Technoline. Huwa ċaħad li kien għadda xi nformazzjoni lil terzi li kienet ta' Technoline. Huwa ċaħad li ikkopja xi software mill-kumpanija Technoline.

    Sostna li il-kumpanija Labo-pharm, nofsha hija tiegħu u nofsha hija ta' Kenneth Dimech. Sostna wkoll li ħafna mid-dokumenti li l-pulizija elevat mill-uffiċini tal-Labo-pharm fir-realtà huma tal-kumpanija Reactilab.

    Sostna li l-klijenti ta' Labo-pharm huma Actavis, Arrow Pharm, Medichem, Combino, Amino chemicals, Mcast, ICP u Dipartimenti tal-Gvern b'mod partikolari tas-Saħħa.

    Sostna li huwa ma ħa l-ebda price list meta kien mat-Technoline u l-Labo-pharm qatt ma ħadmet mas-Schimadsu.

23. **L-Istqarrija rilaxxata mill-imputat Stephen Debono fl-1 ta' Diċembru 2009** fejn fiha kkonferma li l-Labo-pharm hija tiegħu u ta' Chris Calleja.

    Sostna li fl-2006 meta bdiet topera l-Labo-pharm, kienet martu Maria li kienet tieħu ħsieb iżda ma kienx hemm tranżazzjonijiet il-kbar. Kien wara li telaq mit-Technoline li bdew it-tranżazzjonijiet il-kbar.

    Sostna wkoll li Technoline tilfet lil LMS għaliex ma riditx tippermetti aktar credit terms.

    Spjega kif huwa għadda l-email lil Mark Galea tal-Medichem biex ineħħi l-pressure minn fuq Technoline.

Sostna li l-price list tal-Gilson ipprintja minn fuq l-internet. Sostna wkoll li l-Agilent ma kienux klijenti ta' Technoline iżda ta' Calpac.

Sostna wkoll li huwa kellu xi dokumenti fil-computer tad-dar għaliex huwa kien jaħdem mid-dar. Sostna li mhux talli kellu l-permezz biex jaħdem mid-dar talli Cusens kien jippretendi li jaħdmu l-ħin kollu.

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, id-Difiża filwaqt li għamlet diversi kontro-eżamijiet lix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Imputat Stephen Debono** xehed li huwa kien ġie impjegat minn Technoline fis-sena 1994. Sosnta kif is-Sur Thomas Cusens kien persuna mil-aħjar fejn kien jieħu ħsieb lill-impjegat, pero meta ħa over Simon Cusens iċ-ċirkostanzi nbidlu fis-sens li Simon Cusens kien persuna kompletament differenti. Għal Simon Cusens l-impjegat kien bħal lumija, tużah, tagħsru u eventwalment tarmih.

   Għalhekk ħafna impjegati bdew jitilqu mill-kumpaniji. Kien hemm diversi impjegati li fetħu kumpanija u saru kompetituri ta' Technoline.

   Meta telaq, l-imputat kien jokkupa l-kariga ta' Sales Manager.

   Kien hemm ċirkustanzi fejn Technoline ma kinitx tkun tista tagħmel negozju ma ċertu ditti minħabba kunflitt ta' interess u għalhekk Technoline kienet tgħaddihom lil Chris Calleja tal-Calpac Traders.

   L-imputat sostna li huwa sar jaf lil Chris Calleja għax kien propju Stephen Cusens li ntroduċihulu.

   Fil-każ ta' Gilson, il-ftehim kien li Technoline ma setgħetx tbiegħ outside territory, għalhekk meta LMS riedu jixtru prodotti ta' Gilson, il-prodotti kienu jinbiegħu lil LMS tramite Calpac.

Technoline kellha problema ta' cashflow. Kien hemm bżonn li jinġabru l-flus, LMS kellha tagħti mat-tmenin elf ewro u Stephen ma riedx li jinħarġu aktar credit note u għalhekk LMS intilfet minn Technoline.

Fil-fatt f'email mibgħut minn LMS hemm miktub ċar u tond lil LMS ma riditx tibqa taħdem ma Technoline u għalhekk ġiet ikkreata l-Labo-pharm.

Fil-każ tal-Agilent, l-imputat kien jieħu ħsieb il-paper work kollu hu. Technoline kellha kemm lil Schimadsu u anke lil Perkin Elmer li kienu rivali ta' Agilent u għalhekk il-ftehim mal-Agilent kien sar permezz tal-Calpac Traders.

Fil-fatt fejn kien hemm l-Agilent involuta Technoline ma kienet tidher imkien. Meta kien ikun hemm bżonn servicing dan kien isir minn Technoline pero għan-nom ta' Calpac. Technoline kienet subcontractor ta' Calpac. Is-service training kien jitħallas minn Calpac u għalhekk il-manual ċertament li ma kienx ta' Technoline.

Ix-xhud sostna li huwa ma kellux xi forma ta' non disclosure agreement ma Technoline.

Huwa ma kellux ħinijiet tax-xogħol, ma kellux sigħat fissi u kien il-ħin kollu għaddej. Kien jaħdem anke mid-dar. Meta kien jaħdem mid-dar huwa kien juża l-computer tad-dar tiegħu. Huwa ġieli anke ħa xi karti miegħu d-dar. Huwa kien jaħdem il-commissions id-dar għax ix-xogħol ma setax jaħdimhom.

Tant kemm is-sitwazzjoni fit-Technoline kienet imwegħra li finalment l-imputat iddeċieda li jitlaq.

Ix-xhud sostna li l-contact list li l-pulizija elevaw kien għamilha propju hu meta telaq mit-Technoline. Ix-xhud sostna li huwa ma ħa l-ebda klijent tat-Technoline. Labo-pharm bdiet b'żewġ klijenti Maltin.

Calpac ġiet assorbita mill-Labo-pharm u għalhekk il-klijenti li kellha Calpac awtomatikament ġew ta' Labo-pharm.

Meta sar il-joint venture bejn Calpac u r-Reactilab dawn kienu jfornu xogħol industrijali u ma kienx hemm xogħol ta' laboratorju.

Meta Reactilab biegħet prodott simili għal li kienet tbiegħ Technoline, d-ditta kienet differenti minn dak li kienet tbiegħ Technoline u l-klijent kien talab speċifikament dik id-ditta.

It-Technoline kellhom c-CCTV, kellhom d-data track u kien hemm ħafna ssikkar. L-impjegati bdew jiddejqu u għalhekk meta kien se jitlaq avviċina lil Frank Galea u Alan Mizzi biex imorru jaħdmu miegħu u dawn aċċettaw. Dakinhar li telaq għadda l-ittra tar-riżenja lil Ivan Vassallo għaliex is-Sur Cusens ma kienx hemmhekk.

Ix-xhud ċaħad li huwa ħa xi data li kienet fuq il-computer tal-kumpanija jew li iddilitja xi informazzjoni. Fis-sistema seta' jidħol kulħadd għax ma kienx hemm passwords.

Kien biss fis-sales portal li hemmhekk wieħed seta' jidħol bil-password biss imma dik is-sistema kienet iżżomm il-log tal-persuna li jkun daħal fiha. Apparti minn hekk fis-shared documents wieħed seta' jsib li jrid. Biex issir quotation wieħed kien jeħtieġlu li jillogja. L-excel ukoll kien ikun fis-shared folders.

Huwa ġie arrestat sena wara li telaq minn mat-Technoline u f'dik is-sena qatt ma kien ġie avviċinat minn xi rappreżentant tat-Technoline biex jilmenta miegħu fuq xi informazzjoni jew dokumenti li kienu intilfu.

Il-computer tad-dar kien xtrat xi erba snin qabel ma telaq mit-Technoline, iżda it-tlett laptops l-oħra li ġew ikkonfiskati kienu nxtraw xi jumejn qabel ma telqu mit-Technoline.

Rigward l-email li x-xhud għadda lil Mark Galea fil-verità ma kien hemm xejn kunfidenzjali għaliex kien hemm diġa pre-announcement ta' dak indikat fl-email li xxandret mad-dinja kollha u li wieħed seta' jsib din l-informazzjoni anke permezz tal-internet. Sostna li l-contact list għamilha hu u ma seraqhiex mingħand it-Technoline. Huwa ma setax ma jinfurmax lil klijenti bil-problema li kien hemm u li l-istess klijenti kienu se jiġu affettwati biha. Il-price list ta' Gilson kienet propju tal-Labo-pharm

għaliex il-Labo-pharm kienet qed taħdem fuqha. Apparti minn hekk Gilson kellha interess li tbiegħ l-prodotti tagħha lil Labo-pharm u għalhekk hija ħaġa naturali li kienu se jipprovdi l-prezzijiet tagħhom lil Labo-pharm. L-offerta li saret lil General Health Division ma kinitx saret mit-Technoline iżda saret mill-Labo-pharm u għalhekk l-informazzjoni/data allegatament misruqa, lanqas biss kienet teżisti fil-mument li hu telaq mit-Technoline u għalhekk ċertament li ma kinitx misruqa. Ix-xhud ċaħad li huwa seraq xi dokumenti. Sostna li kulħadd kellu aċċess għal kamra tad-dokumenti.

In kontro eżami l-imputat sostna li l-idea li jibdew il-Labo-pharm kienet ta' Chris Calleja għaliex kien hu li avviċinah. Fil-bidu u għal diversi snin kien hemm involut ukoll Kenneth Dimech li kien jieħu ħsieb l-interessi ta' Chris Calleja. Ix-xhud isostni li fil-bidu tagħha Labo-pharm kienet titmexxa unikament minn Chris Calleja u hu ma kienx involut fiha.

Ix-xhud sostna li l-involviment ta' martu kien sempliċiment fil-korrispondenza għaliex Chris Calleja kien ikun busy u għalhekk talab lil mart l-imputat biex tgħinu. Martu kienet tikteb dak li jiddettalha Chris Calleja. Il-korrispondenza li għamlet martu mal-LMS kien propju wara li t-Technoline kienet iddeċidiet li twaqqaf il-credit terms lill-istess kumpanija u saħansitra riedu bank guarantee u prattikament b'dik id-deċiżjoni, Technoline tilfet lil LMS minn klijenta tagħha. Ix-xhud ċaħad li kien propju hu li kien jibgħat dawk l-emails u mhux martu.

B'referenza għal email mibgħuta f'Ġunju 2007 lil LMS fejn il-persuna li bagħtet l-email indikat lilha innifisha bħala Steve, l-imputat isostni li huwa ma jafx li huwa qatt bagħat xi email.

2. **Ludvic Debono** xehed li huwa ilu mill-1999 Direttur ta' Kumpanija u li fil-31 ta' Ottubru huma biegħu lil Labo-Pharm tlett laptops, carry cases, upgrades tar-REM, printer u żewġ servers.

   Ix-xhud esebixxa l-invioces.

3. **Steffen Bauermeister** bi qbil bejn il-partijiet xehed bil-lingwa Ngliża. Ix-xhud xehed li huwa rappreżentant tal-Kumpanija LMS Consult GMPH and Co u huwa l-managing director u s-shareholder prinċipali tal-istess kumpanija.

Ix-xhud sostna li huma kienu kkuntattja lit-Technoline sabiex jixtru prodotti ta' Gilson.

L-imputat kien introdott magħhom mil-kumpanija Technoline bħala salesman.

F'mument minnhom LMS ġiet infurmata mit-Technoline li huma ma jistgħux jissupplixxuhom b'mod dirett bil-prodotti ta' Gilson u għalhekk kienet Calpac Traders li se tibda tissupplixihom bil-prodotti.

LMS ma oġġezzjonatx li tibda tixtri l-prodotti mingħand Calpac Traders.

Aktar tard LMS ġiet infurmata li l-payment terms kienu se jinbidlu u hawnhekk LMS ma kinitx lesta li taċċetta li t-termini u l-kundizzjonijiet tal-pagamenti jinbidlu. LMS informawhom li ma kienux lesti li jagħmlu garanzija bankarja u ma kienux lesti li jibqgħu jixtru mingħandhom.

Il-kumpanija LMS kienet waqfet milli tagħmel l-ordnijiet.

Eventwalment kienu rċevew telefonata mingħand Chris Calleja fejn staqsihom jekk huwiex possibbli li jaslu fi ftehim biex jerġa jibda jissupplixxihom bil-prodotti permezz ta' kumpanija oħra.

Ix-xhud kien talab lil Calleja sabiex jibgħatlu it-termini li fuqhom kienu se jimxu. Chris Calleja kien ikkuntattjaw lura u offrielhom termini finanzjarji favorevoli filwaqt li infurmahom li l-kumpanija hija Labo-pharm.

Ix-xhud sostna li huwa qatt ma kellem jew iltaqa' ma Simon Cusens.

Ix-xhud ikkonferma li huwa kien innegozja ma Chris Calleja biex LMS minflok mil-Calpac bdiet tixtri mingħand il-Labo-pharm.

Ix-xhud sostna li huwa qatt ma ntrabat mat-Technoline biex jixtri mingħandhom biss u dan għaliex huwa jixtri mingħand min jagħtih l-aħjar prezzijiet.

Fil-fatt fis-sena 2009, it-Technoline kienu kkuntatjawhom sabiex jerġgħu jixtru mingħandhom u huma kienu lesti li jixtru mingħandhom iżda ma kienux ftehmu fuq il-prezz. Ix-xhud esebixxa il-quotation li kien irċieva mingħand Technoline fis-sena 2009.

In kontro-eżami x-xhud sostna li meta kien qed jikkomunika ma Maria Attard huwa ma kienx jaf li Maria Attard hija mart l-imputat.

4. **Maria Attard** xehdet li hija Direttriċi tal-Kumpanija Reactilab Limited. Fis-sena 2004 l-WasteServ kienet ħarġet tender kbira u minħabba li hija ma kellhiex is-saħħa finanzjarja biex tidħol għaliha, kienet avviċinat lil Chris Calleja biex jidħlu għal din it-tender flimkien. Chris Calleja kien aċċetta u eventwalment it-tender kienu ħaduha huma.

L-imputat żewġha kien jaħdem ma Technoline u kien jaħdem sigħat twal ħafna. Kien jieħu anke x-xogħol id-dar.

Computer id-dar kellhom wieħed biss u kien jużah kulħadd. Hi kienet tużah għal kollox.

Ix-xhud spjegat li wara li ħadmu flimkien t-tender tal-WasteServ, hi u Chris Calleja ma ħadmux proġetti oħra flimkien. Darba minnhom ġiet ikkuntattjat minn Chris Calleja u spjegala li Calpac Traders kellha xi deal ma Technoline fuq xi pipettes pero kienu inqalgħu xi diffikultajiet bejn Technoline u l-klijent u l-klijent ma riedx jibqa jaħdem ma Technoline.

Chris spjegalha li huwa ma xtaqx jitlef dan ix-xogħol u għalhekk talabha sabiex tgħinu fil-loġistika u fl-administration.

Meta x-xhud infurmat li żewġha huwa talabha sabiex lilu ma jdaħħluh f'xejn għaliex ħobżu ġej mit-Technoline.

Wara li ħasbitha, hija aċċettat l-offerta ta' Chris Calleja. Calleja kien jieħu ħsieb l-parti tan-negozju u dan taħt id-ditta Labo-pharm. Is-shareholders tal-Labo-pharm huma hi u Calleja. Ix-xhud ma kinitx involuta fid-dealings mal-klijenti. L-ordnijiet kien jeħodhom Chris Calleja.

Il-kuntatt li hija kellha mal-imputat meta hija kienet taħdem ġo Labo-pharm kienu bħala mara u raġel miżżewġin u xejn aktar, fis-sens li ma kienet ssir l-ebda komunikazzjoni fuq livell ta' negozju bejniethom.

Ix-xhud sostniet li kienet hija biss li kellha aċċess għal emails tagħha.

Ix-xhud sostniet li fiż-żewġ email li bagħat żewġha, dawn bagħtom għax hija kienet maqbuda barra minn Malta u ma kellhiex aċċess għal internet. Għalhekk kienet ikkorrispondiet ma żewġha u filwaqt li iddettatlu x'għandu jikteb talbitu sabiex jibgħathom hu għax ma setgħetx tagħmel mod ieħor.

## B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>

1. **Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**
   Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri.

   Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu pruvati oltre kull dubju raġonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

   Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid pero' mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li "dubju jkun dak dettat mir-raġuni".

   Fil-fatt fis-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li

trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372** tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

2. **L-Ewwel Imputazzjoni:** *"talli matul is-sena 2007 u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, approprjajt ruħek, billi dawwart bi profitt għalik jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor, li tinkludi dokumenti u informazzjoni kunfidenzjali appartinenti lil Technoline Limited, liema dokumenti u informazzjoni ġew fdati lilek minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħek jew minħabba depożitu neċessarju u dan għad-detriment ta' Technoline Limited, ta' 51, Edgar Bernard Street, Gżira u liema dokumenti u informazzjoni ġew fdati jew ikkunsinnati lilek taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat;"*

Fis-sentenza deċiża fit-23 ta' Ġunju 2020 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nutar Peter sive Pierre Falzon** ingħad li:

> ***"L-artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu:***
>
> *'293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha*

*speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar: Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.*

*294.Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.'*

*Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghat-tghallim gurisprudenzjali dwar dan ir-reat.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***<u>'Il-Pulizija versus Enrico Petroni u Edwin Petroni'</u>*** *dwar l-artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie meqjus li:*

*"Dana ir-reat iseħħ meta wieħed (1) jirċievi flus jew xi ħaġa oħra mingħand xi ħadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi ħaġa lura jew li jagħmel użu minnhom b'mod speċifiku; (3) u minflok ma jagħmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oġġett bi profitt għalih jew għal ħaddieħor.*

*Dan ir-reat jiddistingwi ruħu mir-reat ta' serq għax l-oġġett li jkun jiġi mogħti lill-aġent volontarament u mhux jittieħed kontra l-volonta' jew mingħajr il-kunsens tad-detentur; u jiddistingwi ruħu ukoll mit-truffa għax id-detentur tal-ħaġa ma jiġix ingannat permezz ta' raġġiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-ħaġa favur l-aġent.'*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***'The Police (Inspector Sylvana Briffa) vs. Keith Arthur Mayho'*** *gie meqjus li:*

*'That, as regards the present case, if reference is made to the three elements mentioned in the judgment above- referred to, Il-Pulizija vs. Enrico Petroni u Edwin Petroni, whereas from the evidence brought forward it can safely be said that the first two elements have been satisfied, the same cannot be said as regards the third element. The proof that the accused has converted to his benefit or to the benefit of any other person is surely lacking. It should also be noted that no proof whatsoever was brought forward as to what actually happened to the freezer in question and who actually removed it, which the accused says was removed by someone when he was abroad on a holiday and who had removed the freezer without him knowing. As regards the fact that there was a time when the accused used to use the freezer to store some ice cubes in it, when he was not permitted to do so, not even this can be considered as misappropriation.'*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija versus John Gauci'*** *dwar l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali gie kkunsidrat li:*

*'Minn eżami ta' dan l-artikolu jidher ċar li wieħed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita, fil-kuntest tal-każ preżenti, huwa kostitwit mill-frażi: "... taht titolu illi jġib miegħu l-obbligu ... li jsir użu minnha speċifikat ...". Speċifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haġa lill-aġent u minn hadd iżjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-ħaga u ħadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispeċifika lill-agent dwar kif ikollu jagħmel użu mill-oġġett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jagħti flus lill-aġent biex dan bihom jixtrilu dar, l-aġent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jagħtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jagħti flus lill-aġent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-aġent ikun approprja ruħu mill-flus indebitament jekk jagħtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-aġent ikun għamel uzu mill-flus kif speċifikat. F'kull każ, fl-indaġini dwar il- ħtija jew le ta' approprjazzjoni indebita, għandha ssir prova ta' l-użu tal-ħaġa speċifikata mill-konsenjatur,* ***u prova ta' jekk l-aġent ma ikunx għamel mill-ħaġa dak l-użu*** *jew użu divers." (Emfazi u sottolinear mizjuda minn din il-Qorti.)*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***'The Police (Inspector Angelo Gafa') Vs Artur Arakelyan, 43 years, son of Robert and Elmira nee' Vardanyan, born in Yerevan, Armenia, on the 11th February 1970, residing at 72/2, Duke Apartments, Victor Denaro Street, Msida, and holder of Maltese ID card number 18658A and Almerian passport number AG0644567 issued in Armenia on the 2nd February 2006'*** *gie kkunsidrat li:*

*'In a judgment delivered by the Court of Magistrates (Gozo) it was decided: "Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:*

***1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal- proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del possesso, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.***

***2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.***

***3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;***

***4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha, jew jbiegha, jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;***

***5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor"*** *(The Police vs Marbeck Cremona – 15/02/2007).*

*Also in another judgment delivered by the Court of Criminal Appeal in its inferior jurisdiction, the Court listed the legal elements which constitute the crime of misappropriation (The Police vs Enrico Petroni and Edwin Petroni – 09/06/1998).*

***"Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircevi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."***

*Consequently for the prosecution of the crime to be successful, the author of it must have the specific intention to make use of the object entrusted to him for a specific purpose, as if he were the owner and therefore make use thereof or disposing of the same, at a resultant profit for himself or for others. The jurist Francesco Antolisei explains:*

***"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio"*** *(Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)*

*The key phrases in the law lie in the words* ***"under a title which implies an obligation"*** *and* ***"to make use thereof for a specific purpose"*** *– a purpose specified by the person delivering the object to the agent or agents, which person has the right to impose an obligation on the agent regarding the use to be made of the object entrusted to his care. If the agent proves that he has made use of such object according to the instructions given to him, then he cannot be found guilty of the commission of this offence.*

*Finally the mens rea or the intention of the agent must be proven beyond reasonable doubt – the intention to make a gain or profit from the misappropriation of the object entrusted to him. In another judgment delivered by the Court of Criminal Appeal in its inferior jurisdiction in the case The Police vs Dr. Seigfried Borg Cole (23 December 2003) the Court*

*quoted the jurist Luigi Maino with regards to the intentional element necessary for the commission of this crime. (Commento al Codice Italiano UTET (1922) Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):*

***"Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il-dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta', della conversione con scienza della sua illegittimita'e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo ... il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."***

*Consequently from the above it results that the crime of misappropriation is based on the abuse of trust given to the agent, which abuse results in the consequent mishandling of any object by making use of the same for personal gain or profit whether financial or otherwise."*

Illi għalhekk sabiex l-imputat jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni, kien meħtieġ li l-Prosekuzzjoni tipprova:

1. li l-imputat Stephen Debono rċieva xi flus jew xi ħaġa oħra mingħand Technoline;
2. bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi ħaġa lura jew li jagħmel użu minnhom b'mod speċifiku;

3. u minflok ma għamel hekk dawwar dawk il-flus jew dak l-oġġett bi profitt għalih jew għal ħaddieħor.

Mill-provi jirriżulta li l-imputat wara tlettax il-sena jaħdem mal-kumpanija Technoline, fis-7 ta' Novembru 2007 huwa rriżenja mill-impjieg tiegħu.

Mill-provi huwa evidentement ċar li din ir-riżenja kienet ippjanata. Fil-fatt mhux talli minn xi sena qabel kienet ġiet irreġistrata l-Kumpanija Labo-pharm talli flimkien ma' Stephen Debono fl-istess ġurnata kienu rriżenjaw żewġ impjegati oħra mit-Technoline. Jirriżulta li kien l-imputat Stephen Debono li kien avviċina lil dawn iż-żewġ impjegati sabiex jirriżenjaw minn mat-Technoline u jmorru jaħdmu flimkien miegħu l-Labo-pharm. Il-ġurnata li fiha kellhom jirriżenjaw dawn iż-żewġ impjegati kien iddeċidiha l-imputat Stephen Debono.

Il-Prosekuzzjoni tallega li l-imputat Stephen Debono wara li temm l-impjieg tiegħu minn mat-Technoline, żamm għandu diversi dokumenti u minflok ma raddhom lura, għamel użu minnhom bi profitt għalih jew għal ħaddieħor.

Din il-Qorti tibda sabiex ssostni li fl-ewwel lok il-Prosekuzzjoni riedet tipprova li d-dokumenti li l-imputat allegatament żamm għandu, kienu verament propjetà tal-Kumpanija Technoline. Dan qiegħed jingħad għaliex l-akkuża hija li l-misaproprjazzjoni saret għad-detriment ta' Technoline.

Għalhekk din il-Qorti jeħtieġ li qabel xejn tibda billi tistabbilixxi jekk id-dokumenti u manuals ta' Agilent kienux propjetà ta' Technoline jew inkella ta' Calpac Traders.

Dan qiegħed jingħad għaliex l-imputat isostni li Technoline ma kinitx aġent ta' Agilent. Kienet Calpac Tradres li kienet l-aġent tat-Technoline u għalhekk id-dokumenti u l-manuals kienu propjetà ta Calpac Traders u mhux ta' Technoline.

Mil-provi jirriżulta li minħabba li Technoline kienet diġa aġent ta' Schimadsu, ma setgħetx tkun ukoll aġent ta' Agilent għax dawn kienu kompetituri ta' xulxin. Simon Cusens kien avviċina lil Chris Calleja sabiex Calpac Traders ikunu l-aġenti ta' Agilent. Jirriżulta li Agilent kienu jafu biss lil Calpac Traders tant li r-relazzjoni kuntrattwali

kienet bejn Agilent u Calpac Traders. Il-Kumpanija Technoline u Calpac Traders kienu distinti minn xulxin.

Il-Qorti tosserva li huwa ben ċar illi Technoline ma setgħet qatt tkun aġent ta' Agilent. Tosserva wkoll li kien grazzi għal Calpac Traders li kien possibli li t-technicians ta' Technoline setgħu jaħdmu fuq il-magni mmanifatturati minn Agilent.

Il-Qorti minn imkien ma jirriżultala li kien hemm xi ftehim bil-miktub bejn Technoline u Calpac Traders fejn jindika li Technoline hija l-propjetarja' tad-dokumenti u/jew tal-manuals ta' Agilent.

Il-Qorti ssostni li l-fatt illi l-imputat Stephen Debono kien jitħallas mit-Technoline, anke meta kien jagħmel xi xogħol li kien jaqa' fil-kappa ta' Calpac Traders, u anke kienet tibgħat għat-taħriġ lit-technicians li kienu jaħdmu fuq il-magni ta' Agilent, dan ma jfissirx awtomatikament li Technoline hija proprjetarja' tad-dokumenti u/jew tal-manuals ta' Agilent, aktar u aktar meta kemm Stephen Debono u anke t-technicians meta kienu jmorru għat-taħriġ provdut minn Agilent dawn kienu jirrapreżentaw ruħhom bħala rappreżentanti ta' Calpac Traders. Għalhekk meta Agilent kienet tipprovdi l-manuals lit-technicians, it-technincians kienu jkunu ppreżentaw lilhom nfushom bħala rappreżentanti ta' Calpac Traders.

Calpac Traders kienu l-aġenti ta' Agilent. Calpac Traders kienet timporta il-magni u kien hemm ftehim bejn Calpac Traders u Technoline sabiex Technoline tipprovdi service technicians sabiex jinstallaw il-magni u jkunu responsabbli għas-service ta' dawn l-istess magni. Ta' dan is-servizz Technoline kienet titħallas mingħand Calpac Traders.

Il-fatt li kien Cusens id-Direttur tal-Kumpanija Technoline li kien introduċa lil Chris Calleja ta' Calpac Traders ma Agilent ma huwiex biżżejjed sabiex jiġi konkluż li Agilent kienu klijenti ta' Technoline u li l-istess Technoline kienet il-propjetarja tad-dokumenti u l-manuals ipprovduti minn Agilent.

Illi għalhekk din il-Qorti ssostni li għal dak li jirrigwarda dokumenti u manuals provduti minn Agilent ma tistax issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.

Il-Prosekuzzjoni ssostni li l-imputat wettaq misaproprjazzjoni għad-detriment ta' Technoline u dan billi uża xi dokumenti li jirrigwardaw il-Gilson fosthom price list u anke LMS. Il-Prosekuzzjoni ssostni wkoll li LMS ma baqgħetx tixtri il-prodotti mingħand Technoline u bdiet tixtrihom mingħand Labo-pharm.

Mill-provi jirriżulta li Technoline ma setgħetx titrasferixxi l-prodotti ta' Gilson lill-LMS direttament u għalhekk Technoline kienet għamlet arranġament ma Calpac Traders fejn l-istess Calpac Traders kienet toħroġ l-invoice lill-LMS u ta' dan Calpac Traders kienet titħallas xi commission mingħand Technoline.

L-imputat isostni li ma huwiex minnu li LMS ma baqgħetx tordna mingħand Technoline minħabba xi aġir tiegħu iżda għaliex lejn l-aħħar tas-sena 2005 Technoline ddeċidiet li tbiddel il-credit terms u LMS ma kienux lesti li jkomplu jordnaw il-pipetti ta' Gilson mingħand Technoline. L-imputat ippreżenta email mibgħuta minn Simon Cusens li tikkonferma li Technoline kienet biddlet il-credit terms.

Fix-xhieda tiegħu, Steffen Bauermeister rappreżentant ta' LMS sostna li LMS ġiet infurmata li l-payment terms kienu se jinbidlu u LMS ma kinitx lesta li taċċetta li t-termini u l-kundizzjonijiet tal-pagamenti jinbidlu. LMS infurmawhom li ma kienux lesti li jagħmlu garanzija bankarja u ma kienux lesti li jibqgħu jixtru mingħandhom. Fil-fatt LMS kienet waqfet milli tagħmel aktar ordnijiet. Eventwalment kienu rċevew telefonata mingħand Chris Calleja fejn staqsihom jekk huwiex possibbli li jaslu fi ftehim biex jerġa jibda jissupplixxihom bil-prodotti permezz ta' kumpanija oħra.

Bauermeister kien talab lil Calleja sabiex jibgħatlu it-termini li fuqhom kienu se jimxu. Chris Calleja kien ikkuntattjahom lura u offrielhom termini finanzjarji favorevoli filwaqt li infurmahom li l-kumpanija hija Labo-pharm. Bauermeister ikkonferma li huwa kien innegożja ma Chris Calleja biex LMS minflok mingħand il-Calpac bdiet tixtri mingħand il-Labo-pharm. Bauermeister sostna li huwa qatt ma ntrabat mat-Technoline biex jixtri mingħandhom biss u dan għaliex huwa jixtri mingħand min jagħtih l-aħjar prezzijiet.

Fil-fatt fis-sena 2009, it-Technoline kienu kkuntatjawhom sabiex jerġgħu jixtru mingħandhom u huma kienu lesti li jixtru mingħandhom iżda ma kienux ftehmu fuq il-prezz. Ix-xhud esebixxa il-quotation li kien irċieva mingħand Technoline fis-sena 2009.

Mill-provi jirriżulta li sa mis-sena 2006, propju fi żmien li l-imputat kien għadu impjegat ta' Technoline, LMS kienet għamlet diversi ordnijiet mingħand Labo-pharm.

Il-Qorti jeħtieġ li tistabbilixxi jekk li kieku l-imputat ma kellux il-price list tal-prodotti ta' Gilson u diversi dokumenti oħra li jirrigwardaw kemm lil Gilson u anke lil LMS, in-negozju bejn Labo-pharm u LMS kienx iseħħ. Il-Qorti ssostni li l-price list tal-prodotti ta' Gilson, wieħed seta' faċilment jakkwistaha u dan għaliex naturalment kumpanija li jkollha l-prodotti għal bejgħ jeħtiġilha li tindika il-prezzijiet lix-xerrej.

Il-Qorti ssostni wkoll li kienet Calpac Traders ta' Chris Calleja li kienet toħroġ l-invoice lill-LMS. Għalhekk Chris Calleja li kien involut ukoll fil-Kumpanija Labo-pharm ma kellu bżonn l-ebda dokument mingħand l-imputat biex jistabbilixxi l-prezzijiet mitluba minn Technoline lill-LMS u dan għaliex Technoline stess kienet tipprovdi din l-informazzjoni lil Chris Calleja. Mix-xhieda ta' Bauermeister jirriżulta wkoll li kien propju Chris Calleja li kien jinnegozja ma LMS.

Ladarba huwa evidentement ċar li n-negozju ta' bejn Labo-pharm u LMS seħħ wara li Technoline bidlet il-credit terms u LMS ma baqgħetx tordna aktar prodotti mingħand Technoline, kif ukoll li Chris Calleja kellu f'idejh il-prezzijiet mitluba minn Technoline lill-LMS, il-Qorti ssostni li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx li d-dokumenti relatati ma Gilson u LMS mogħtija minn Technoline lill-imputat ġew konvertiti illegalment bi qliegħ għalih jew terzi.

Illi għalhekk din il-Qorti ssostni li għal dak li jirrigwarda Gilson u LMS ma tistax issib lill-imputat ħati li wettaq xi misapproprjazzjoni għad-detriment ta' Technoline.

Il-Prosekuzzjoni ppreżentat email li Mark Galea in rappreżentanza ta' Medichem bil-ġurament ikkonferma li dik l-email ġiet mgħoddija lilu mill-imputat innifsu. Rappreżentanti ta' Technoline sostnew li huma qatt ma taw permess lill-imputat sabiex jagħti din l-email lil Mark Galea. Sostnew ukoll li l-imputat għadda din l-email lil Mark

Galea, bl-intenzjoni li jagħmel ħsara lil kumpanija Technoline. Mix-xhieda ta' Mark Galea jirriżulta li Medichem kienet u għadha klijenta ta' Technoline. Lanqas ma jirriżulta li Medichem kienet irrikorriet għas-servizzi ta' Labo-pharm.

Illi għalhekk din il-Qorti ssostni li abbażi ta' dik l-email ukoll ma tistax issib lill-imputat ħati li wettaq xi misapproprjazzjoni għad-detriment ta' Technoline.

Il-Prosekuzzjoni ippreżentaw diversi korrispondenza magħmulin mis-soċjetà' Reactilab. Madanakollu il-Prosekuzzjoni ma ġabet l-ebda prova li l-imputat kien rappreżentant jew kellu ishma fil-kumpanija Reactilab. Ladarba l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx li l-imputat kien rappreżentant jew kellu ishma fil-kumpanija Reactilab, abbażi ta' dik il-korrispondenza il-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati li wettaq xi misapproprjazzjoni għad-detriment ta' Technoline.

Il-Prosekuzzjoni ippreżentat mudell ta' worksheet allegatament maħluq minn Technoline. Jirriżulta iżda li dan huwa mudell ġeneriku maħluq minn Microsoft li jista jagħmel użu minnu kull min jaf juża Microsoft. L-informazzjoni misjuba fuq il-worksheet hija kollha datata wara li l-imputat kien diġà irriżenja mill-impjieg tiegħu minn mat-Technoline u l-worksheets fihom informazzjoni ta' Labo-pharm.

Illi għalhekk anke hawn, il-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati li wettaq xi misapproprjazzjoni għad-detriment ta' Technoline.

Frank Galea u Alan Mizzi, iż-żewġ impjegati li kienu irriżenjaw mit-Technoline u marru jaħdmu mal-Labo-pharm bil-ġurament tagħhom iddikjaraw li kemm ilhom jaħdmu ma Labo-pharm huma qatt ma raw dokumenti li kienu jintużaw ġewwa Technoline. Fix-xhieda tagħhom, rappreżentanti ta' Technoline sostnew li l-imputat kien ħa minn ġewwa l-uffiċju tagħhom bagalja u xi dokumenti u dan mingħajr il-kunsens tagħhom.

Il-Qorti ssostni li jekk l-imputat ħa xi bagalja u xi dokumenti mingħajr il-kunsens ta' Technoline sabiex jinstab ħati ta' dan ir-reat, l-imputat kellu jiġi akkużat bir-reat ta' serq, reat li l-imputat ma kienx akkużat bih u konsegwentement din il-Qorti ma tistax issibu ħati tiegħu.

Il-Qorti wara li rat l-atti proċesswali kollha u d-dokumenti esibiti, tosserva li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest fil-kamp penali li l-imputat ikkonverta xi dokument jew informazzjoni kunfidenzjali appartinenti lil Technoline Limited għal qliegħ jew gwadann tiegħu jew ta' ħaddieħor u konsegwentement ma tistax issib lill-imputat ħati li wettaq xi misapproprjazzjoni għad-detriment ta' Technoline.

**Għalhekk, din il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mil-liġi din l-imputazzjoni. Konsegwentement ma hijiex se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata.**

3. **It-Tieni Imputazzjoni:** *"talli fl-istess dati, f'xi post f'dawn il-Gżejjer, bħala impjegat ta' Technoline Limited bi preġudizzju ta' terzi, fejn il-pożizzjoni tiegħek ta' impjegat għamlitha faċli għalik, li mingħajr awtorizzazzjoni;*

   i. *użajt computer jew tagħmir jew apparat ieħor biex dħalt f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-computer jew f'xi computer ieħor, jew użajt jew ikkuppjajt jew immodifikajt kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dawk;*
   ii. *għamilt output ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ mill-computer li kienu qegħdin jinżammu fih, sew billi dawn jittelgħu bi xbieha jew b'kull mod ieħor li jkun;*
   iii. *ikkuppjajt kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ għal kull medjum ta' ħżin li ma jkunx dak li s-soltu jinżamm fih jew għal mkien differenti fil-medjum ta' ħżin fejn is-soltu jinżamm;*
   iv. *għarraqt it-tħaddim ta' xi sistema, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew għamilt użu minnhom;*
   v. *neħħejt, ikkanċellajt qridt jew varjajt xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ;*
   vi. *kxift xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ kemm il-darba dan ma kienx meħtieġ fil-qadi ta' dmirijietek jew b'xi liġi oħra."*

Il-Qorti tosserva li fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2019 ġie verbalizzat li hemm qbil bejn il-partijiet kollha li mill-atti proċesswali t-tieni imputazzjoni ma tistax tirriżulta.

Il-Qorti wara li rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti ukoll qiegħda tasal għal konklużjoni li l-imputat ma jistax jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni u dan għaliex ma nġiebet l-ebda prova ta' aċċess illegali mill-imputat.

**Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost din il-Qorti ma hijiex se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.**

## C. <u>Konklużjoni</u>

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat Stephen Debono detentur tal-karta tal-identità numru 47373(M) mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u qiegħda tilliberah minnhom.

Finalment il-Qorti stante li ma ssibx ħtija fl-imputat tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba dwar kwalunkwe spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, ai termini tal-artikoli 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Onor. Dr. Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

**-------------------------------TMIEM-----------------------------**